MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Numru. 229/2010

**Il-Pulizija**
**(Spetturi Victor Aquilina/Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Nathan John Farrugia**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Nathan John Farrugia ta' 33 sena, iben Joe u Angiolona nee` Briffa, imwieled l-Awstralja nhar it-28 ta' Jannar 1977 u residenti 203, Carmel Kate, Vjal il-Blue Grotto, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 161893(M)

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-16 ta' Marzu 2010:

a) Biegh jew xort'ohra traffika il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(e) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fis-16 ta' Marzu 2010 u fl-erba' xhur ta' qabel:

b) Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

U fl-ahharnett talli b'hekk irrenda ruhu recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat illi fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma' l-provi li kienu migjuba quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta, sa dakinhar;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-sub-artikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2011, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta fil-massimu tieghu;

Rat ukoll illi fl-istess seduta l-imputat ammetta l-imputazzjoni (b) migjuba fil-konfront tieghu u dan wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Illi in vista tal-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjoni (b), il-Qorti trid tiddeciedi biss dwar il-htija o meno tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjoni (a) u cioe` jekk l-imputat huwiex hati o meno ta' traffikar tal-pjanta *Cannabis* ai termini tal-Artikolu 8(e) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2011, **l-Ispettur Victor Aquilina** xehed illi nhar is-16 ta' Marzu 2010, il-pulizija nnutat persuna ossia lill-imputat jieqaf quddiem ir-residenza ta' persuna ohra li kien qieghed jigi ssorveljat mill-pulizija fuq informazzjoni li dan tal-ahhar kien qieghed jittraffika d-droga.  Il-pulizija nnutat lill-imputat jidhol u wara ftit johrog minn din ir-residenza, u segwietu saz-Zurrieq, fejn gie mwaqqaf.  Minn tfittxija li saret fuq il-persuna tal-imputat, instabet borza b'madwar disa' grammi haxixa tal-*cannabis* u bicca *foil* li kien fiha madwar gramma ohra haxixa tal-*cannabis.*  Ix-xhud spjega illi l-imputat ittiehed gewwa l-ufficju tieghu u matul l-investigazzjoni, l-istess imputat ikkopera bis-shih, tant li ghazel ukoll li jirrilaxxja stqarrija guramentata.

L-Ispettur Aquilina esebixxa l-istqarrija tal-imputat li ttiehdet lilu fis-16 ta' Marzu 2010[1], wara li inghata s-solita twissija li huwa ma kienx obbligat li jitkellem, izda dak li jghid jista' jingieb bi prova u wara wkoll illi huwa rrifjuta illi jigi kkonsultat minn avukat qabel irrilaxxja l-istess stqarrija.  Fl-istqarrija, **l-imputat** ikkonferma illi dakinhar meta gie mwaqqaf gewwa z-Zurrieq, wara tfittxija li saret fuqu, il-pulizija sabu madwar hdax-il gramma *Cannabis* grass, li kienet maqsuma in kwantu ghal 9.4 grammi gewwa borza tal-*plastic* trasparenti u in kwantu ghal 1.3 grammi mkebba gewwa *foil.*  Huwa qal li dawn kienu tieghu u meta gie mistoqsi kif dawn kienu gew ghandu u ghaliex kienu maqsumin, l-imputat wiegeb illi huwa kellu madwar ghaxar grammi gol-borza tal-*plastic* trasparenti u li kien ghadu kif biddel gramma minn tieghu ma' gramma

[1] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 12 sa 14 tal-process.

ohra ta' tip iehor ma' wiehed li jghidulu l-Kayzer, u li din kienet dik il-gramma gewwa l-*foil.* L-imputat spjega illi huwa kien ilu jaf lil Kayzer madwar erba' xhur u illi kellu n-numru tieghu ghaliex kienu qalulu li dan ikollu l-*cannabis.* Qal ukoll illi l-ewwel darba li xtara minghand il-Kayzer kien madwar erba' xhur qabel u illi huwa jixtri ghaxar grammi kull darba. Qal illi dakinhar tas-16 ta' Marzu 2010, huwa mar ghandu u biddel ftit milli kellu, peress illi ma kienx xtara minghandu. Dwar dan l-imputat spjega wkoll illi l-Kayzer kien qaghad jiggebbed mieghu fuq il-flus u ghalhekk huwa kien xtara minghand haddiehor bil-prezz ta' €200. Dakinhar tas-16 ta' Marzu 2010, il-Kayzer bghatlu messagg fil-ghodu u qallu biex jehodhom bil-€25 il-gramma. Meta gie ssuggerit lilu illi huwa kien mar ghand il-Kayzer sabiex ibieghlu d-droga *Cannabis,* l-imputat wiegeb fin-negattiv u rega' qal illi huwa mar u biddel gramma ma' gramma biex jipprova tal-Kayzer, ghaliex kien ghadu kif qallu li kellu xi haga gdida. Huma wiznu l-gramma li partu permezz ta' mizien li kellu l-Kayzer. Dan kien gara biss dakinhar u huwa qatt ma biegh droga.

L-imputat ikkonferma din l-istqarrija bil-gurament tieghu quddiem il-Magistrat Inkwerenti Dr. Audrey Demicoli fis-17 ta' Marzu 2010.[2]

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-unika kontestazzjoni mqajjma mid-difiza fis-sottomissjonijiet taghha hija illi dan it-tpartit ta' droga *cannabis* li sehh bejn l-imputat u t-terza persuna – f'liema kaz it-tpartit kien jinvolvi l-istess tip ta' droga ossia l-haxixa tal-*cannabis* u l-istess ammont u cioe` gramma bi gramma – ma jammontax ghal traffikar ta' droga fis-sens li trid il-ligi.

Jibda biex jinghad illi ghalkemm ma gietx esebita d-droga mertu ta' dawn il-proceduri, madankollu m'hemm l-ebda dubju illi fil-fatt din kienet pjanta tal-*Cannabis* u dan kif jirrizulta ammess kemm mill-imputat fl-istqarrija tieghu, illi

[2] Vera kopja ta' din l-istqarrija guramentata tinsab esebita a fol. 46 sa 48 tal-process.

sussegwentement giet ukoll guramentata minnu, kif ukoll mill-fatt illi huwa ammetta ghat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu in kwantu din tirrigwarda l-pussess semplici tal-pjanta *Cannabis*, mil-liema droga l-imputat kien ghadu kif ghadda gramma lil terza persuna ossia lil Brian Joseph Mangion maghruf bhala l-Kayzer, kif ammess ukoll mill-istess imputat fl-istqarrija tieghu minnu guramentata.

Il-kwistjoni li trid tigi deciza minn din il-Qorti ghalhekk hija jekk it-tpartit ta' droga li sar bejn l-imputat u l-imsemmi Mangion jammontax ghal traffikar tal-istess droga da parti tal-imputat. Skond l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta l-kelma 'traffikar' tinkludi "*l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur ta' din l-Ordinanza*" (sottolinear tal-Qorti). Il-kelma 'provvista' fit-test Ingliz hija indikata bhala '*supply'.* Huwa car fil-fehma tal-Qorti illi bil-fatt illi l-imputat ghadda d-droga lil terza persuna, anke jekk kien qieghed ipartat din id-droga ma' droga ohra identika, huwa kien qieghed jipprovdi jew iforni d-droga lill-istess persuna u ghaldaqstant dan jammonta ghal traffikar fis-sens li trid il-ligi.

Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Awwissu 1998, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marvin Cachia**, fejn l-istess Qorti rriteniet hekk dwar traffikar:-

"*Il-Qorti tosserva qabel xejn li meta wiehed ikollu d-droga (f'dan il-kaz raza tal-cannabis) u jew jaqsamha ma' haddiehor (anke jekk mhux ghall-flus jew xi korrispettiv iehor) jew jippermetti lil haddiehor li juza minnha, ikun hemm traffikar skond il-ligi. Anke jekk wiehed ihalli d-droga f'post accessibbli ghal terzi u fejn jaf li x'aktarx ser tittiehed minn haddiehor, u din effettivament hekk tittiehed, ikun hemm traffikar*".

Multo magis ghalhekk, fil-fehma ta’ din il-Qorti, ikun hemm traffikar meta wiehed jghaddi d-droga lil terza persuna, anke jekk mhux ghall-flus izda, kif sehh f’dan il-kaz, ghal droga ohra identika.  Lanqas ma jista’ jinghad, kif issottomettiet ukoll id-difiza, illi dan kien kaz ta’ traffikar *by sharing*, ai termini tal-*proviso* ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghaliex kif spjegat il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marco Galea**, deciza fil-5 ta’ Mejju 2008:

“*L-ewwel proviso ghal dan is-subartikolu gie introdott, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, bl-Att XVI ta’ l-2006, u jipprovdi hekk:*

***“Izda meta, dwar xi reat imsemmi f’dan is-suabrtikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta’ persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta’ kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f’dak l-istess post flimkien ma’ ohrajn, il-Qorti tista’ tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu…”*** *(sottolinear ta’ din il-Qorti).*

*Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x-xorta ta’ medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma’ ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem “flimkien” u “fl-istess post” jissottolineaw l-element ta’ komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah “sharing” – jigifieri li dak li jkollu id-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma’ haddiehor f’dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma’ haddiehor – ikun qieghed jipprovdi (“supply” fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-*

*definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat.*"

Fil-kaz in dizamina, huwa evidenti li ma jikkonkorrux l-elementi ta' traffikar by *sharing* kif trid il-ligi u kif spjegati fil-bran citat. Fis-sens tal-ligi, u kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza appena citata, sabiex japplika dan il-*proviso* irid ikun hemm cirkostanzi fejn "***dak li jkollu id-droga <u>intiza ghalih</u> jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor <u>f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess</u>***"*.* Dak li jirrizulta f'dan il-kaz huwa li l-imputat partat parti mid-droga li kellu mad-droga provduta lilu minn Mangion u telaq ghall-ghonq it-triq wara ftit tal-hin u ma jirrizulta bl-ebda mod illi huwa kkonsma d-droga provduta minnu, f'dak l-istess waqt flimkien ma' Mangion.

Ghaldaqstant il-Qorti hija sodisfatta illi l-Prosekuzzjoni ppruvat l-imputazzjoni (a) migjuba fil-konfront tal-imputat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll illi huwa recidiv u dan permezz ta' sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

F'dan ir-rigward, ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat[3] jidher illi hu gie misjub hati taht il-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza moghtija fil-31 ta' Ottubru 2005, u taht il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza ohra moghtija fl-10 ta' Lulju 2009, dawn is-sentenzi ma gewx esebiti mill-Prosekuzzjoni. F'sede kriminali, wiehed ma jista' jassumi l-ebda prova u ai termini tal-Artikolu 638(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

[3] A fol. 3 u 4 tal-process.

"*Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti …*". F'dan il-kaz, sabiex issir din l-ahjar prova, kien mehtieg li jigu esebiti l-imsemmija sentenzi.

Ghalhekk il-Qorti mhijiex ser titratta mal-imputat bhala li huwa recidiv.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni d-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur, fis-sens illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta fil-massimu tieghu. Ghalhekk il-Qorti qeghda tnaqqas il-piena, dwar prigunerija b'zewg gradi, u dwar piena pekunjarja b'nofs.

In oltre il-Qorti qieset ukoll l-imputazzjoni (b) bhala assorbita fl-imputazzjoni (a) ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante illi din serviet bhala mezz ghall-fini fir-rigward tar-reat ta' traffikar tal-pjanta *Cannabis* ikkontemplat fl-imputazzjoni (a).

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati mertu tal-kawza (il-fedina penali aggornata tal-imputat baqghet ma gietx esebita mill-Prosekuzzjoni), mil-liema jirrizulta *inter alia* illi l-imputat kien gie mqieghed taht Ordni ta' *Probation* dwar pussess semplici ta' droga u illi f'okkazzjoni ohra kien gie kkundannat ghal piena ta' multa ukoll dwar pussess semplici ta' droga.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi fil-waqt illi l-imputat ghadda gramma *cannabis* lil terza persuna, huwa nstab fil-pussess ta' bejn ghaxar u hdax-il gramma droga *cannabis.* Ikkunsidrat ukoll illi t-traffikar da parti tal-imputat jidher li sehh biss f'okkazzjoni wahda, tant illi l-imputazzjoni tirreferi ghad-data specifika tas-16 ta' Marzu 2010.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(d), 8(e), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 u l-Artikoli 17(h), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet (a) u (b) migjuba fil-konfront tieghu, fil-waqt illi tilliberah mill-addebitu tar-recidiva u tikkundannah ghall-piena ta’ **seba’ xhur prigunerija effettiva** u **multa ta’ sitt mija u hamsin Euro (€650)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mitt Euro (€100). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux izjed tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------